

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Volum 59

### Leġiżlazzjoni

30 ta' Settembru 2016

Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

##### REGOLAMENTI

★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1735 tad-29 ta' Settembru 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja .....	1
★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1736 tad-29 ta' Settembru 2016 li jimplimenta l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan .....	8
★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1737 tad-29 ta' Settembru 2016 li jimplimenta l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen .....	13
★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1738 tat-28 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd .....	15
★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1739 tad-29 ta' Settembru 2016 li jemenda għall-254 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri spċċifici restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet tal-ISIL (Da'esh) u tal-Al-Qaida .....	17
Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1740 tat-29 ta' Settembru 2016 li jistab-bilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ġnejx .....	19

##### DEĊIŻJONI JIET

★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1741 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Palau dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir .....	21
---	----

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1742 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju ta' Tonga dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir .....	23
★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1743 tal-20 ta' Settembru 2016 dwarf il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kolombja dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir .....	25
★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1744 tal-20 ta' Settembru 2016 dwarf il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Perù dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir .....	27
★ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1745 tad-29 ta' Settembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 dwarf miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi .....	29
★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1746 tad-29 ta' Settembru 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwarf miżuri restrittivi kontra s-Sirja .....	30
★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1747 tad-29 ta' Settembru 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/932/PESK rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen .....	36
★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1748 tad-29 ta' Settembru 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwarf miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppji, impriżzi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan .....	38

## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1735****tad-29 ta' Settembru 2016****li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.
- (2) Żewġ persuni ma għandhomx jinżammu iktar fuq il-lista ta' persuni fiziċċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 ("il-lista").
- (3) Jenħtieġ li titneħħha entrata duplikata mil-lista.
- (4) Jenħtieġ li tīġi aġġornata l-informazzjoni li tirrigwarda ċerti persuni fuq il-lista.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum ta' wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

¹) ĠUL 16, 19.1.2012, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. ŻIGA

---

## ANNESS

It-Taqsim A tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) Jitneħħew l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin:

Nru 15 Hisham (حسام) Ikhtiyar (اختيار) (magħruf ukoll bħala Al Ikhtiyar, Bikhtiyar, Bikhtyar, Bekhtyar, Bikhtiar, Bekhtyar);

Nru 74 Anisa (أنيسة) (magħrufa wkoll bħala Anissa, Aneesa, Aneessa) Al-Assad (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Anisah Al-Assad).

(2) Titneħħha l-entrata li ġejja:

Nru 154 Maġġur Ġeneral Fahd (فهد) Jassem (جاسم) Al Freij (الفریج) (magħruf ukoll bħala Al-Furayj)

(3) L-entrati li jikkonċernaw il-persuni elenkti hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

	“Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Houmam Jaza'iri (magħruf ukoll bħala Humam al-Jazaeri, Hammam al-Jazairi)	Twieled: 1977	Ministru għall-Ekonomija u l-Kummer Barrani fil-poter wara Mejju 2011. Bħala Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbilità għar-repressjoni vjolenti tal-poplu Sirjan.	21.10.2014
2.	Maher (ماهر) (magħruf ukoll bħala Mahir) Al-Assad (الأسد)	Data tat-twelid: 8 ta' Diċembru 1967 Post tat-twelid: Damasku Passaport diplomatiku Nru 4138  Maġġur Ġeneral tat-42 Brigata u eks-Kmandant Brigadier tar-Raba' Diviżjoni Armata tal-Armata. Membru tal-familja Assad; hu l-President Bashar Al-Assad.	Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' "Kurnell" u fkariga ekwivalenti jew oħla wara Mejju 2011; Maġġur Ġeneral tat-42 Brigata u eks-Kmandant Brigadier tar-Raba' Diviżjoni Armata tal-Armata. Membru tal-familja Assad; hu l-President Bashar Al-Assad.	9.5.2011
4.	Atej (عاطف) (magħruf ukoll bħala Atef, Atif) Najib (نجيب) (magħruf ukoll bħala Najeeb)	Post tat-twelid: Jablah, is-Sirja	Eks-Kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika f'Dara'a. Involut fi vjolenza kontra d-dimōstranti. Membru tal-familja Assad; kugħin tal-President Bashar Al-Assad	9.5.2011
5.	Hafiz (حافظ) Makhlouf (مخلف) (magħruf ukoll bħala Hafez Makhlof)	Data tat-twelid: 2 ta' April 1971 Post tat-twelid: Damasku Passaport diplomatiku Nru 2246	Eks-Kurunell u Kap ta' Unità fid-Direttorat tal-Intelligence Ġeneral, il-Fergħa ta' Damasku, fil-kariga wara Mejju 2011. Membru tal-familja Makhlof; Kuġin tal-President Bashar Al-Assad.	9.5.2011
10.	Jamil (جميل) (magħruf ukoll bħala Jameel) Hassan (حسن) (magħruf ukoll bħala al-Hassan)	Twieled: 1953 Post tat-twelid: Homi, Sirja Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana	Uffiċċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-Forza tal-Ajru Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Responsabbi għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni cивili fis-Sirja.	9.5.2011

	"Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
13.	Ghassan Ahmed Ghannan (magħruf ukoll bħala Maġġur Ġeneral Ghassan Ghannan, Brigadier General Ghassan Ahmad Għanem)	Grad: Maġġur Ġeneral Kariga: Kmandant tal-155 Brigata tal-Missili	Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' "kurnell" u fkariga ekwivalenti jew oħla wara Mejju 2011. Maġġur Ġeneral u kmandant tal-155 Brigata tal-Missili. Assoċjat ma' Maher Al-Assad permezz tar-rwol tiegħu fl-155 Brigata tal-Missili. Bħala kmandant tal-155 Brigata tal-Missili, huwa qed ja-poġġa lir-reġim Sirjan u hu responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili. Huwa responsabbli għall-isparar ta' Missili Scud lejn diversi postiġiet ċivili bejn Jannar u Marzu 2013.	21.10.2014
45.	Munir (منير) (magħruf ukoll bħala Mounir, Mouneer, Monir, Moneer, Muneeर) Adanov (ادنوف) (magħruf ukoll bħala Adnuf, Adanof)	Twieled: 1951 Post tat-twielid: Homs, Sirja Passaport: 0000092405 Kariga: Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali, Operazzjonijiet u Taħriġ, Armata Sirjana Grad: Logutenent Ġeneral, Armata Għarbija Sirjana	Uffiċjal fil-grad ta' Logutenent Ġeneral u Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali, Operazzjonijiet u Taħriġ għall-Armata Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Fil-kariga tiegħu bħala Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali kien involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.8.2011
56.	Ali (علي) Abdullah (عبد الله) (magħruf ukoll bħala Abdallah) Ayyub (أيوب) (magħruf ukoll bħala Ayyoub, Ayub, Ayoub, Ayob)	Kariga: Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Armata Għarbija Sirjana u l-Forzi Armati mit-18 ta' Lulju 2012 l'hawn Grad: Ġeneral fl-Armata Għarbija Sirjana	Uffiċjal fil-grad ta' Ġeneral fl-Armata Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati Sirjani. Persuna li tappoġġa r-reġim ta' Assad u responsabbli għar-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	14.11.2011
57.	Fahd (فهد) (magħruf ukoll bħala Fahid, Fahed) Jasim (جاسم) (magħruf ukoll bħala Jasem, Jassim, Jassem) al-Furayj (الفريج) (magħruf ukoll bħala Al-Freij)	Data tat-twielid: 1 ta' Jannar 1950 Post tat-twielid: Hama, is-Sirja Grad: Logutenent Ġeneral Karigi: Ministru għad-Difiża, Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Armati Sirjani	Uffiċjal fil-grad ta' Ġeneral fl-Armata Sirjana. Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Armati Sirjani. Ministeru għad-Difiża. Responsabbli għar-repressjoni u l-użu ta' vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	14.11.2011
62.	Zuhair (زهير) (magħruf ukoll bħala. Zouheir, Zuheir, Zouhair) Hamad (حمد)	Post tat-twielid: Damasku, is-Sirja Grad: Maġġur Ġeneral Kariga attwali: Viċi Kap tad-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali (magħruf ukoll bħala; Direttorat tas-Sigurtà Ġenerali) minn Luuji 2012	Uffiċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-Forzi Armati Sirjani fil-kariga wara Mejju 2011. Viċi Kap tad-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali. Responsabbli għar-repressjoni, ksur tad-drittijiet tal-bniedem u vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	14.11.2011

	“Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
71.	Bushra (بشرى) Al-Assad (الأسد) (magħruf ukoll bħala Bushra Shawkat, Bouchra Al Assad)	Data tat-tweliż: 24.10.1960	Membru tal-familja Assad; oħt Bashar Al-Assad. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan Bashar Al-Assad, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu.	23.3.2012
72.	Asma (سماء) Al-Assad (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Asma Fawaz Al Akhras)	Data tat-tweliż: 11.8.1975 Post tat-tweliż: Londra, ir-Renju Unit Passaport nru 707512830, jiskadi fit-22.9.2020 Kunjom ta’ xebba: Al Akhras	Membru tal-familja Assad u marbuta mill-qrib ma’ figurie ewlenin tar-reġim; mart il-President Bashar Al-Assad. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan, Bashar Al-Assad, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu.	23.3.2012
107.	Mohammad (محمد) (Mohamed, Muhammad, Mohammed) Ibrahim (إبراهيم) Al-Sha'ar (الشاعر) (magħruf ukoll bħala Al-Chaar, Al-Shaar) (magħruf ukoll bħala Mohammad Ibrahim Al-Chaar)	Twieled: 1956 Post tat-tweliż: Aleppo	Ministru għall-Intern fil-poter wara Mejju 2011. Bħala Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-poplu Sirjan.	1.12.2011
181.	Suleiman Al Abbas		Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali fil-poter wara Mejju 2011. Bħala Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-poplu Sirjan.	24.6.2014
185.	Ismael Ismael (magħruf ukoll bħala Ismail Ismail, jew Isma'il Isma'il)	Twieled: 1955	Ministru tal-Gvern Sirjan fil-poter wara Mejju 2011; Ministru għall-Finanzi. Bħala Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	24.6.2014
193.	Suhayl (magħruf ukoll bħala Soħail, Suhail, Suheil) Hassan (magħruf ukoll bħala Hasan, al-Hasan, al-Hassan) magħruf bħala “It-Tigra” (magħruf ukoll bħala al-Nimr)	Twieled: 1970 Post tat-tweliż: Jableħ/Provinċja ta’ Latakia, is-Sirja Grad: Maġġur ġeneral Kariga: Kmandant ta’ Qawat al-Nimr (Tiger Forces)	Uffiċjaj fil-grad ta’ Maġġur ġeneral fl-Armata Sirjana wara Mejju 2011. Kmandant tad-diviżjoni tal-armata magħrufa bħala “Forzi tat-Tigra”. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.7.2014
199.	Bayan Bitar (magħruf ukoll bħala Dr Bayan Al-Bitar)	Data tat-tweliż: 8.3.1947 Indirizz: PO Box 11037 Damascus, Syria	Direttur Amministrattiv tal-Organisation for Technological Industries (OTI), u tas-Syrian Company for Information Technology (SCIT), li t-tnejn huma sussidjarji tal-Ministeru għad-Difiċċa Sirjan, li ġie ddeżinjat mill-Kunsill. L-OTI tassisti fil-produzzjoni ta’ armi kimiċi għar-reġim Sirjan. Bħala Direttur Amministrattiv tal-OTI u tal-SCIT Bayan Bitar jagħti sostenn lir-reġim Sirjan. Minħabba r-rwol tiegħu fil-produzzjoni ta’ armi kimiċi, huwa jaqsam ukoll ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti kontra l-poplu Sirjan. Fid-dawl tal-kariga għolja tiegħu f'dawn l-entitajiet, huwa wkoll assoċjat mal-en-titajiet iddeżinjati OTI u SCIT	7.3.2015

	"Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
200.	Brigadier Ġenerali Ghassan Abbas	Data tat-twelid: 10.3.1960  Post tat-twelid: Homs  Indirizz: CERS, Centre d'Etude et de Recherche Scientifique (magħruf ukoll bħala SSRC, Scientific Studies and Research Centre; Centre de Recherche de Kaboun Barzeh Street, PO Box 4470, Damascus)	Maniġer tal-fergħa tas-Syrian Scientific Studies and Research Centre (SSRC/CERS), li huwa ddeżejnjat, fl-inħawi ta' Jumraya/Jmraiya. Huwa kien involut fil-proliferazzjoni tal-armi kimiċi u fl-organizzazzjoni ta' attakki bl-armi kimiċi, inkluż f'Għouta f'Awwissu 2013. Għalhekk, huwa jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti kontra l-poplu Sirjan. Bħala maniġer tal-fergħa tal-SSRC/CERS fl-inħawi ta' Jumraya/Jmraiya, Ghassan Abbas jagħti sostenn lir-reġim Sirjan. Bħala riżultat tal-kariga għolja tiegħu fl-SSRC, huwa wkoll assoċjat mal-entità ddeżejnata l-SSRC.	7.3.2015
201.	Wael Abdulkarim (magħruf ukoll bħala Wael Al Karim)	Data tat-twelid: 30.9.1973  Post tat-twelid: Damascus, is-Sirja (ta' oriġini Palestinjana)  Indirizz: Al Karim for Trade and Industry, PO Box 111, 5797 Damascus, Syria	Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja fl-industriji taż-żejt, is-sustanzi kimiċi u l-manifattura. Specifikaament, jirrappreżenta lill-Abdulkarim Group, magħruf ukoll bħala Al Karim Group/Alkarim for Trade and Industry/Al Karim Trading and Industry/ Al Karim for Trade and Industry. Abdulkarim Group huwa manifattur ewlieni ta' lubrikanti, grease u sustanzi kimiċi industrijali fis-Sirja.	7.3.2015
202.	Ahmad Barqawi (magħruf ukoll bħala Ahmed Barqawi)	Data tat-twelid: 1985  Post tat-twelid: Damascus, is-Sirja  Indirizz: Pangates International Corp Ltd, PO Box Sharjah Airport International Free Zone, United Arab Emirates Al Karim for Trade and Industry, PO Box 111, 5797 Damascus, Syria	Maniġer Ġenerali ta' Pangates International Corp Ltd, li taġixxi bħala intermedjarju fil-forniment taż-żejt lir-reġim Sirjan, u maniġer tal-Al Karim Group. Kemm Pangates International kif ukoll Al Karim Group ġew iddeżejnjati mill-Kunsill. Bħala Maniġer Ġenerali ta' Pangates u maniġer tal-kumpannija prinċipali ta' Pangates, l-Al Karim Group, Ahmad Barqawi jagħti sostenn lir-reġim Sirjan, u jibbenefika minnu. Minħabba l-kariga għolja tiegħu f'Pangates u l-Al Karim Group, huwa wkoll assoċjat mal-entitajiet iddeżejnji Pangates International u Al Karim Group.	7.3.2015
204.	Emad (عاصم) Hamsho (magħruf ukoll bħala Imad Hmisho; Hamchu; Hamcho; Hamisho; Hmeisho; Hemasho)	Indirizz: Hamsho Building 31 Baghdad Street Damascus, Syria	Jokkupa kariga maniġerjali għolja f'Hamsho Trading. Bħala riżultat tal-kariga għolja tiegħu f'Hamsho Trading, sussidjarja ta' Hamsho International, li ġiet iddeżejnjiata mill-Kunsill, huwa jagħti sostenn lir-reġim Sirjan. Huwa wkoll assoċjat ma' entità ddeżejnata, Hamsho International. Huwa wkoll Viċi President tal-Kunsill Sirjan tal-Hadid u l-Azzar flimkien ma' negozjanti tar-reġim ddeżejnji bħal Ayman Jaber. Huwa wkoll soċju ta' Bashar Al-Assad.	7.3.2015

	“Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
206.	General Muhamad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad) Mahalla (محل) (magħruf ukoll bħala Mahla, Mualla, Maalla, Muhalla)	Twieled: 1960 Post tat-twelid: Jableh	Kap tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI), Fergħa 293 (Affarijiet Interni), minn April 2015 'l hawn. Responsabbi għar-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili f'Damasku/fil-kampanja ta' Damasku. Eks-Viċi Kap tas-Sigurtà Politika (2012), Ufficijal tal-Gwardja Repubblikana Sirjana u Viċi-Direttur tad-Direttorat għas-Sigurtà Politika. Kap tal-Pulizija Militari, Membru tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali.	29.5.2015"

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1736****tad-29 ta' Settembru 2016**

**li jimplimenta l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, imprezi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 753/2011 tal-1 ta' Awwissu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, imprezi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-1 ta' Awwissu 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 753/2011.
- (2) Fil-21 ta' Lulju u fis-7 ta' Settembru 2016, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, stabbilit skont il-paragrafu 30 tar-Riżoluzzjoni 1988 (2011) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, emenda l-lista ta' individwi, gruppi, imprezi u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. ŻIGA

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 199, 2.8.2011, p. 1.

## ANNESS

- I. L-entrati fil-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 għall-persuni elenkti hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin.

A. Individwi assoċjati mat-Taliban

- (13) **Mohammad Shafiqullah Ahmadi Fatih Khan** (*magħruf ukoll bħala* (a) Mohammad Shafiq Ahmadi, (b) Mullah Shafiqullah).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Samangan taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-tweliż:** 1956.-1957. **Post tat-tweliż:** (a) Raħal ta' Charmistan, Distrett ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan, (b) Raħal ta' Marghi, Distrett ta' Nawa, Provinċja ta' Ghazni, Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Oriġinarjament mill-Provinċja ta' Ghazni, iżda aktar tard għex f'Uruzgan, (b) Shadow governor tat-Taliban għall-Provinċja ta' Paktika minn tmiem l-2012. (c) Iservi bħala membru tal-Kummissjoni Militari minn Lulju 2016., (d) Jappartjeni lit-tribù Hotak. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (35) Shahabuddin Delawar

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-elenkar:** Viċi tal-Qorti Superjuri taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-tweliż:** (a) 1957, (b) 1953. **Post tat-tweliż:** Il-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. **Numru tal-passaport:** Numru tal-passaport Afgan OA296623. **Informazzjoni oħra:** (a) Viċi Kap tal-Ambaxxata tat-Taliban f'Riyadh, l-Arabja Sawdija sal-25 ta' Settembru 1998. (b) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (44) **Din Mohammad Hanif** (*magħruf ukoll bħala* (a) Qari Din Mohammad (b) Iadema Mohammad)

**Titlu:** Qari. **Raġuni għall-elenkar:** (a) Ministru tal-Ippjanar taħt ir-reġim tat-Taliban, (b) Ministru tal-Edukazzjoni Għolja taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-tweliż:** (a) bejn wieħed u ieħor fl-1955, (b) 1.1.1969 (bħala Iadema Mohammad). **Post tat-tweliż:** (a) Raħal ta' Shakarlab, Distrett ta' Yaftali Pain, Provinċja ta' Badakhshan, l-Afganistan, (b) Badakhshan (bħala Iadema Mohammad) **Nazzjonalità:** Afgana. **Numru tal-passaport:** OA 454044 (bħala Iadema Mohammad). **Informazzjoni oħra:** (a) Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban responsabbli għall-provinċji ta' Takhar u Badakhshan. (b) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (53) **Sayyed Mohammed Haqqani** (*magħruf ukoll bħala* Sayyed Mohammad Haqqani).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-elenkar:** (a) Direttur tal-Affarijet Amministrativi taħt ir-reġim tat-Taliban, (b) Kap tal-Informationi u l-Kultura fil-Provinċja ta' Kandahar taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-tweliż:** bejn wieħed u ieħor fl-1965. **Post tat-tweliż:** Raħal ta' Chaharbagħ, Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Gradwat tal-Madrassa ta' Haqqanija f'Akora Khattak, il-Pakistan, (b) Maħsub li kellel relazzjonijiet mill-qrib mal-mexxej tat-Taliban Mullah Mohammad Omar, (c) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, (d) Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban sa Ġunju 2010, (e) Jappartjeni lit-tribù Barakzay. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Maħsub li ilu mejjet minn Jannar 2016. **Data tan-nomina tan-NU:** 31.1.2001.

Informazzjoni addizzjonal mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kunitat tas-Sanzjonijiet:

Sayyed Mohammed Haqqani huwa alleat ma' Gulbbudin Hekmatyar u ilu bosta snin jappoġġa lil Mullah Mohammad Omar. Bħala Direttur tal-Affarijet Amministrativi tar-reġim tat-Taliban, huwa ddistribwixxa karti tal-identità Afgani lil barranin marbuta ma' Al-Qaida li ġgiedu fl-Afganistan u ġabar ammont sinifikanti ta' fondi minn għandhom.

Sayyed Mohammed Haqqani ltaqa' diversi drabi ma' Aimān Muhammed Rabi al-Zawahiri u Farhad, is-segretarju ta' Mohammed Omar, fl-2003 u l-2004. Huwa fet-ħanut tal-kotba fil-bażär ta' Qissa Khwani, f'Peshawar, il-Pakistan, li kien implikat fil-finanzjament tat-Taliban. Sa Marzu 2009, hu kien għadu mexxej attiv tar-ribelli Talibani.

- (64) **Khairullah Khairkhwah** (*magħruf ukoll bħala* (a) Mullah Khairullah Khairkhwah (b) Khirullah Said Wali Khairkhwa).

**Titlu:** (a) Maulavi (b) Mullah. **Raġuni għall-elenkar:** (a) Gvernatur tal-Provinċja ta' Herat (Afganistan) taħt ir-reġim Talibani, (b) Kelliem tar-reġim Talibani, (c) Gvernatur tal-Provinċja ta' Kabul taħt ir-reġim Talibani, (d) Ministru tal-Affarijet Interni taħt ir-reġim Talibani. **Data tat-tweliż:** (a) bejn wieħed u ieħor fl-1963 (b) 1 ta' Jannar 1967 (taħt l-isem Khirullah Said Wali Khairkhwa). **Post tat-tweliż:** (a) Raħal ta' Poti, Distrett ta' Arghistān, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan, (b) Kandahar, Nazzjonaliità: Afgana. Indirizz: Qatar. **Informazzjoni oħra:** (a) Jappartjeni lit-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (66) Jan Mohammad Madani Ikram.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-elenkar:** Chargé d'Affaires, Ambaxxata Talibana, Abu Dhabi, l-Emirati Għarab Magħquda. **Data tat-tweliż:** 1954- 1955. **Post tat-tweliż:** Raħal ta' Siyachoy, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Nazzjonaliità:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. (b) Jappartjeni lit-tribù Alizai. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (72) **Fazl Mohammad Mazloom** (*magħruf ukoll bħala* (a) Molah Fazl, (b) Fazel Mohammad Mazloom).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-elenkar:** Viċi Kap tal-Persunal tal-Armata tar-reġim Talibani. **Data tat-tweliż:** Bejn l-1963 u l-1968. **Post tat-tweliż:** Uruzgan, Afganistan. **Nazzjonaliità:** Afgana. Indirizz: Qatar. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni addizzjonal mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Fazl Mohammed Mazloom kien assoċjat qrib ta' Mohammed Omar u għenu jistabbilixxi l-Gvern tat-Talibani. Mazloom kien fil-kamp ta' tħarriġ ta' Al-Farouq stabilit minn Al-Qaida. Huwa kellu għarfien li t-Talibani ippovoda għajnuna lill-Moviment Iżlamiku tal-Uzbekistan fil-forma ta' appoġġ finanzjarju, armi u appoġġ loġistiku bi-skambju għall-forniment ta' suldati lit-Talibani.

Huwa kien kmandant ta' madwar 3 000 suldat Taliban front-line fil-provinċja ta' Takhar, f'Ottubru 2001.

- (82) **Allah Dad Tayeb Wali Muhammad** (*magħruf ukoll bħala* (a) Allah Dad Tayyab, (b) Allah Dad Tabeeb).

**Titlu:** (a) Mullah, (b) Haji. **Raġuni għall-elenkar:** Viċi Ministru taħt Komunikazzjoni tar-reġim tat-Talibani. **Data tat-tweliż:** bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-tweliż:** (a) Distrett ta' Ghorak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Nesh, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Nazzjonaliità:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni lit-tribù Popalzai. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Ilu mejjet minn Novembru 2015. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (88) **Nurullah Nuri** (*magħruf ukoll bħala* Norullah Noori).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-elenkar:** (a) Gvernatur tal-Provinċja ta' Balkh (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban, (b) Kap taż-Żona tat-Tramuntana taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-tweliż:** (a) bejn wieħed u ieħor fl-1958, (b) 1 ta' Jannar 1967. **Post tat-tweliż:** Distrett ta' Shahjoe, Provinċja ta' Zabul, Afganistan. **Nazzjonaliità:** Afgana. Indirizz: Qatar. **Informazzjoni oħra:** (a) Jappartjeni lit-tribù Tokhi. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (90) Mohammed Omar Ghulam Nabi

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-elenkar:** Mexxej tal-Fidili ("Amir ul- Mumineen"), Afganistan. **Data tat-tweliż:** (a) bejn wieħed u ieħor fl-1966, (b) 1960, (c) 1953. **Post tat-tweliż:** (a) Ir-raħal ta' Naw Deh, Distrett ta' Deh Rawud, Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan, (b) Raħal ta' Noori, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Nazzjonaliità:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Missieru jismu Ghulam Nabi, magħruf ukoll bħala Mullah Musafir, (b) L-għajnej tax-xellug nieqsa, (c) Hatnej Ahmad Jan Akhundzada Shukoor Akhundzada, (d) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, (e) Jappartjeni li Maħsub li ilu mejjet minn April 2013. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Mohammad Omar għandu t-titulu ta' "Kmandant tal-Fidili tal-Emirat Islamiku tal-Afganistan" u huwa l-mexxej suprem tal-moviment Taliban fil-ġerarkija Talibana. Huwa ta kenn lil Usama bin Laden u lin-netwerk tal-Al-Qaida tiegħi fis-snin qabel l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001 fl-Istati Uniti. Huwa kien ilu jidderieġi lit-Taliban kontra l-Gvern tal-Afganistan u l-alleati tagħhom fl-Afganistan mill-2001.

Mohammed Omar jikkmandha l-alleanza ta' mexxeja prominenti militari oħra fir-reġjun, bħal Jalaluddin Haqqani. Gulbuddin Hekmatyar ikkoopera wkoll ma' Mohammed Omar u t-Taliban.

- (97) **Mohammad Hasan Rahmani** (*magħruf ukoll bħala Gud Mullah Mohammad Hassan*).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Kandahar (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-tweliż:** bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-tweliż:** (a) Distrett ta' Deh Rawud, Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan (b) Distrett ta' Chora, Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan, (c) Distrett ta' Charchino, Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Għandu riġlu l-leminja prostetika, (b) Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban min-nofs l-2013, u aġixxa bħala viċi ta' Mullah Mohammed Omar f'Marzu 2010, (c) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan (d) Jappartjeni lit-tribu ta' Achekzai. Ilu mejjet mid-9 ta' Frar 2016. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (113) Sher Mohammad Abbas Stanekzai Padshah Khan.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-elenkar:** (a) Viċi Ministro tas-Saħħa Pubblika taħt ir-reġim Taliban, (b) Viċi Ministro tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-tweliż:** bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-tweliż:** Qala-e-Abbas, iż-żona Shah Mazar, Distrett ta' Baraki Barak, Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjalist ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (119) **Abdul-Ħaq Wassiq** (*magħruf ukoll bħala: (a) Abdul-Ħaq Wasseq, (b) Abdul Ħaq Wasiq*).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-elenkar:** Viċi Ministro tas-Sigurtà (Intelligence) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-tweliż:** (a) bejn wieħed u ieħor fl-1975, (b) 1971. **Post tat-tweliż:** Raħal ta' Għarib, Distrett ta' Khogyani, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. **Indirizz:** Qatar. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul-Ħaq Wassiq huwa alleat ma' Gulbuddin Hekmatyar. Taħt ir-reġim Taliban, kellu pożizzjonijiet suċċessivi bħala kmandant lokali fil-provinċji ta' Nimroz u Kandahar. Huwa mbagħad sar Viċi Direttur Ġenerali tal-Intelligence, u kien jaħdem għal Qari Ahmadullah. F'din il-funzjoni, huwa kien responsabbli milli jieħu ħsieb ir-relazzjonijiet ma' ġellieda barranin marbuta mal-Al-Qaida u l-kampijiet ta' taħriġ tagħhom fl-Afganistan. Kien ukoll magħruf għall-metodi repressivi tiegħi kontra l-opponenti tat-Taliban fin-Nofsinhar tal-Afganistan.

- (123) **Mohammad Zahid.** (*magħruf ukoll bħala (a) Jan Agha Ahmadzai (b) Zahid Ahmadzai*)

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-elenkar:** It-Tielet Segretarju, Ambaxxata Talibana, Islamabad, il-Pakistan. **Data tat-tweliż:** 1971. **Post tat-tweliż:** Il-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 001206 (maħruġ fis-17.7.2000). **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjalist ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (139) Rahmatullah Shah Nawaz

**Isem (bil-kitba oriġinali):** رحمة الله شاه نواز

**Titlu:** Alhaj **Deżinjazzjoni:** m/d **DTT:** (a) 1981 **(b)** 1982 **PTT:** Shadal (varjant Shadaal) Bazaar, Achin District, Nangarhar Province, l-Afganistan **Psewdonimu affidabbi:** (a) Qari Rahmat (qabel kien elenkat hekk) **(b)** Kari Rahmat **Psewdonimu inqas affidabbi:** m/d **Nazzjonaliità:** Afgana **Nru. tal-passaport:** m/d **Nru. tal-identifikazzjoni nazzjonali:** m/d **Indirizz:** (a) Kamkai Village, Achin District, Nangarhar Province, l-Afganistan **(b)** Kamkai Village, Achin District, Nangarhar Province, l-Afganistan **(c)** Surkhel village, Achin District, Nangarhar Province, l-Afganistan **(d)** Batan village, Achin District, Nangarhar Province, l-Afganistan **Elenkat fi:** 21 ta' Awwissu 2014 (emendat fil-21 ta' Lulju 2016) **Informazzjoni oħra:** Deskrizzjoni fiżika: kulur tal-għajnejn: kannella, kulur tax-xagħar: iswed, piż: 77-81 kg, tul: 178 cm daqna sewda qasira-medja, xagħar iswed qasir. Jappartjeni għat-tribu Shinwari, is-sottotribu Sepahi. Kmandant tat-Taliban tal-inqas minn Frar 2010. Jigħbor taxxi u jxaħħam fisem it-Taliban minn April 2015. Jikkoordina ma' u jipprovi lill-aġenti tat-Taliban fil-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, informazzjoni, gwida, akkomodazzjoni u armi u qiegħed apparat esplożiv improvviżat (IED) u mexxa attakki kontra l-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà (ISAF) u l-forzi Afgani. **Data tan-nomina min-NU: 21.8.2014.**

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1737****tad-29 ta' Settembru 2016**

**li jimplimenta l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1352/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1352/2014.
- (2) Fis-26 ta' Awwissu 2016, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, stabbilit skont il-paragrafu 19 tar-Riżoluzzjoni 2140 (2014) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, aġġorna l-informazzjoni marbuta ma' żewġ persuni soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħi fid-data tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. ŻIGA

---

(¹) ĠUL 365, 19.12.2014, p. 60.

## ANNESS

Fil-lista ta' persuni u entitajiet, li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1352/2014, l-entrati Nru 2 u Nru 4 taħt it-Taqsimi A "Persuni" huma sostitwiti bis-segwenti:

- "2. **Abd Al-Khalīq Al-Houthi** (*magħruf ukoll bħala: a)* Abd-al-Khalīq al-Houthi; *b)* Abd-al-Khalīq Badr-al-Din al-Houthi; *c)* 'Abd al-Khalīq Badr al-Din al-Houthi; *d)* Abd al-Khalīq al-Houthi; *e)* Abu-Yunus).

Kitba oriġinali: عبدالخالق الحوثي

**Deżejnjazzjoni:** Kmandant militari Houthi. **Data tat-tweliż:** 1984. **Ċittadinanza:** Jemen. **Informazzjoni oħra:** Sess: Raġel. Data tad-deżejnjazzjoni min-NU: 7.11.2014 (emendata fl-20.11.2014, fis-26.8.2016).

**Informazzjoni addizzjonali mit-taqṣira narrattiva tar-raqunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abd al-Khalīq al-Houthi ġie deżinjat għal sanzjonijiet fis-7 ta' Novembru 2014 skont il-paragrafi 11 u 15 tal-UNSCR 2140 (2014), bħala li jissodisfa l-kriterji tad-deżejnjazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 17 u 18 tar-Riżoluzzjoni.

Abd al-Khalīq al-Houthi kien involut fatti li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Jemen, bħal atti li jxekklu l-implimentazzjoni tal-ftehim tat-23 ta' Novembru 2011 bejn il-Gvern tal-Jemen u dawk fl-oppożizzjoni, li jipprevedi transizzjoni paċifika tal-poter fil-Jemen, u atti li jxekklu l-proċess politiku fil-Jemen.

Lejn l-aħħar ta' Ottubru 2013, Abd Al-Khalīq al-Houthi mexxa grupp ta' ġellieda mlibbsin uniformijiet militari tal-Jemen f'tattak fuq postijiet f'Dimaj, il-Jemen. Il-ġlied sussegwenti rriżulta f'diversi mwiet.

Lejn l-aħħar ta' Settembru 2014, numru mhux magħruf ta' ġellieda mhux identifikati allegatament kienu lesti biex jattakkaw faċilitajiet diplomatiċi f'Sana'a, il-Jemen, malli jirċievu ordnijiet minn Abd Al-Khalīq al-Houthi. Fit-30 ta' Awwissu 2014, al-Houthi kkoordina biex iċaqlqu l-armi minn Amran għal kamp ta' protesta f'Sana'a".

- "4. **Abdulmalik al-Houthi** (*magħruf ukoll bħala: Abdulmalik al-Houthi*)

**Informazzjoni oħra:** Mexxej tal-Moviment Houthi tal-Jemen. Involva ruħu fatti li jheddu l-paċi, is-sigurtà, jew l-istabbiltà tal-Jemen. **Data tad-deżejnjazzjoni min-NU:** 14.4.2015 (emendata fis-26.8.2016).

**Informazzjoni addizzjonali mit-taqṣira narrattiva tar-raqunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdulmalik Al-Houthi ġie deżinjat għal sanzjonijiet fl-14 ta' April 2015 skont il-paragrafi 11 u 15 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014) u l-paragrafu 14 tar-riżoluzzjoni 2216 (2015).

Abdul Malik al-Houthi huwa mexxej ta' grupp li kien involut fatti li jheddu l-paċi, is-sigurtà, jew l-istabbiltà tal-Jemen.

F'Settembru 2014, il-forzi Houthi ħatfu Sana'a u f-Jannar 2015 ippruvaw b'mod unilaterali jibdlu l-gvern leġittimu tal-Jemen b'awtorità governattiva illeġittima li l-Houthis iddominaw. Al-Houthi ħa t-tmexxija tal-moviment Houthi tal-Jemen fl-2004 wara l-mewt ta' hu, Hussein Badreddin al-Houthi. Bħala l-mexxej tal-grupp, al-Houthi hedded kemm-il darba lill-awtoritajiet tal-Jemen b'aktar rewwixti jekk ma jwigħbux it-talbiet tiegħi u żamm arrestat lill-President Hadi, il-Prim Ministro, u membri ewlenin tal-kabinett. Hadi eventwalment ħarab lejn Aden. Il-Houthis imbagħad nedew attakk ieħor fuq Aden bl-għajnuna tal-unitajiet militari leali lejn l-ex president Saleh u ibnu, Ahmed Ali Saleh."

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1738

tat-28 ta' Settembru 2016

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 183(b) tiegħi,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbi għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-iproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6), il-punt (a) tiegħi,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 (³) stabbilixxa regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' sistema ta' dazji addizzjonal fuq l-importazzjoni u ffissal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd.
- (2) Minn kontroll regolari tad-dejta li abbażi tagħha jiġu stabiliti l-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti għandhom jiġu emendati biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini.
- (3) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jiġi emendat skont dan.
- (4) Sabiex jiġi żgurat li din il-miżura tapplika kemm jista' jkun malajr wara li d-dejta aġġornata ssir disponibbli, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħi fil-jum tal-pubblikkazzjoni tiegħi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1484/95 jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum tal-pubblikkazzjoni tiegħi f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2016.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(¹)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>(²)</sup> ĠUL 150, 20.5.2014, p. 1.

<sup>(³)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 tat-28 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi r-regolamenti dettaljati għall-implementazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonal tal-importazzjoni u l-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u biex iħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE (ĠUL 145, 29.6.1995, p. 47).

## ANNESS

## "ANNESS I

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Prezz rappreżen-tativ (€EUR/100 kg)	Garanzija msemmija fl-Artikolu 3 (€EUR/100 kg)	Oriġini (¹)
0207 12 10	Karkassi tat-tiġieġ, preżentazzjoni 70 %, if-friżati	114,0	0	AR
0207 12 90	Karkassi tat-tiġieġ, preżentazzjoni 65 %, if-friżati	119,8 145,9	0 0	AR BR
0207 14 10	Qatħat mingħajr għadam tas-sriedaq jew tat-tiġieġ, ifriżati	288,3 181,2 278,6 218,1	4 39 6 25	AR BR CL TH
0207 27 10	Qatħat mingħajr għadam tad-dundjani, ifriżati	385,5 335,8	0 0	BR CL
0408 91 80	Bajd, mhux fil-qoxra, imnixxef	350,0	0	AR
1602 32 11	Preparazzjonijiet nejjin tas-sriedaq u tat-tiġieġ	201,7	26	BR

- (¹) In-Nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ es-tern ma' pajjiżi li mħumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" ifisser "oriġnijiet oħrajn".

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1739**

**tad-29 ta' Settembru 2016**

**li jemenda għall-254 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet tal-ISIL (Da'esh) u tal-Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet tal-ISIL (Da'esh) u tal-Al-Qaida (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) Fl-24 ta' Settembru 2016, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSC) iddeċieda li jneħħi żewġ persuni fizċi mil-lista tiegħu ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom jaapplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi aġġornat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,  
F'issem il-President,  
Aġġent Kap tas-Servizz tal-Instrumenti tal-Politika Barranija*

<sup>(¹)</sup> ĠUL 139 29.5.2002, p. 9.

## ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-entrati li ġejjin taħt l-intestatura “Persuni fiżiċi” jitħassru:

“Muhammad Abdallah Hasan Abu-Al-Khayr (*alias* (a) Mohammed Abdullah Hassan Abdul-Khair, (b) Muhammad Abdallah Hasan Abu-al-Khayr, (c) Muhammad Bin-‘Abdullah Bin-Hamid Abu-al-Khayr’, (d) Abdallah al-Halabi, (e) ‘Abdallah al-Halabi al-Madani’, (f) Abdallah al-Makki, (g) Abdallah el-Halabi, (h) Abdullah al-Halabi, (i) Abu ‘Abdallah al-Halabi’, (j) Abu Abdallah al-Madani, (k) Muhamnad al-Jaddawi). Indirizz: il-Jemen. Data tat-twelid: (a) 19.6.1975, (b) 18.6.1975. Post tat-twelid: Madinah al-Munawwarah, l-Arabja Sawdija. Nazzjonalità: Sawdija. In-Numru ta’ Identifikazzjoni Nazzjonali: 1006010555. Numru tal-Passaport: A741097 (Passaport Sawdi maħruġ fl-14 ta’ Novembru 1995 u li skada fid-19 ta’ Settembru 2000). Tagħrif ieħor: Jidher fuq elenku tal-2009 ta’ 85 persuna mfittxija mill-Gvern tal-Arabja Sawdija. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 24.8.2010.”

“Hassan Muhammad Abu Bakr Qayed (*alias* (a) Hasan Muhammad Abu Bakr Qa’id, (b) Al-Husain Muhammad Abu Bakr Qayid, (c) Muhammad Hassan Qayed, (d) Mohammad Hassan Abu Bakar, (e) Hasan Qa’id, (f) Muhammad Hasan al-Libi, (g) Abu Yahya al-Libi, (h) Abu Yahya, (i) Sheikh Yahya, (j) Abu Yahya Yunis al-Sahrawi, (k) Abu Yunus Rashid, (l) al-Rashid, (m) Abu al-Widdan, (n) Younes Al-Sahrawi, (o) Younes Al-Sahraoui). Indirizz: Wadi ’Ataba, Libja (il-lok ta’ qabel fl-2004). Data tat-twelid: (a) 1963, (b) 1969. Post tat-twelid: Marzaq, il-Ġamaħirija Għarbija Libjana. Nazzjonalità: Libjana. Numru tal-Passaport: 681819/88 (Passaport Libjan). Numru ta’ identifikazzjoni nazzjonali: 5617/87 (Identifikazzjoni nazzjonali Libjana). Tagħrif ieħor: (a) Mexxej ta’ livell għoli tal-Al-Qaida li, sa-l-aħħar tal-2010, kien responsabbi għas-superviżjoni ta’ uffiċjal għolja oħrajn tal-Al-Qaida; (b) Mill-2010, il-kmandant tal-Al-Qaida fil-Pakistan u fornitur ta’ assistenza finanzjarja lill-ġellieda tal-Al-Qaida fl-Afganistan, (c) Kien ukoll wieħed mill-ogħla strategi tal-Al-Qaida u kmandant fuq il-kamp tal-battalja fl-Afganistan, u istruttur fil-kamp tat-tahrīg tal-Al-Qaida; (d) Isem ommu huwa Al-Zahra Amr Al-Khoury (*alias* al Zahra’ ‘Umar). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 15.9.2011.”

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1740

tat-29 ta' Settembru 2016

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħnejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħnejjex u tal-frott u l-ħnejjex ipproċessati (²) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negożjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urgwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-29 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

<sup>(¹)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>(²)</sup> ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNESS

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ġertu frott u ħxejjex**

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(l)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni (EUR/100 kg)
0702 00 00	MA	135,3
	ZZ	135,3
0707 00 05	TR	125,7
	ZZ	125,7
0709 93 10	AR	162,6
	TR	137,7
0805 50 10	ZZ	150,2
	AR	103,1
0806 10 10	CL	118,4
	TR	85,3
0808 10 80	UY	55,7
	ZA	105,3
0808 30 90	ZZ	93,6
	EG	264,7
0808 30 90	TR	132,4
	ZZ	198,6
0808 30 90	AR	106,0
	BR	97,9
0808 30 90	CL	127,5
	NZ	128,1
0808 30 90	US	144,0
	ZA	115,5
0808 30 90	ZZ	119,8
	CL	126,9
0808 30 90	CN	92,9
	TR	134,0
0808 30 90	ZA	155,4
	ZZ	127,3

<sup>(l)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ es-tern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrapreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIJONIJIET

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1741

**tal-20 ta' Settembru 2016**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta'**  
**Palau dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagraph tal-Artikolu 218(6), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew (¹),

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nnegoxjat ftehim, f'isem l-Unjoni Ewropea, mar-Repubblika ta' Palau dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ("il-Ftehim").
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2377 (²), il-Ftehim ġie ssírm u japplika fuq bażi proviżorja mit-8 ta' Diċembru 2015.
- (3) Il-Ftehim jistabbilixxi Kunitat Konġunt ta' esperti għall-ġestjoni tal-Ftehim. L-Unjoni għandha tkun irrappreżentata fil-Kunitat Konġunt mill-Kummissjoni, li għandha tkun assistita mir-rappreżentanti tal-Istati Membri.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li r-Renju Unit ma jieħux sehem fihom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE (³); għaldaqstant ir-Renju Unit mħuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mħuwiex marbut biha jew soġġettu għall-applikazzjoni tagħha.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tieħux sehem fihom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE (⁴); għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mħuwiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Palau dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

(¹) Kunsens mogħti fit-8 ta' Ġunju 2016 (għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2377 tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar l-issiġġar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Palau dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir (ĠU L 332, 18.12.2015, p. 11).

(³) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti fxi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

(⁴) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem fxi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti, f'isem l-Unjoni, in-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim (¹).

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, assistita mir-rappreżentanti tal-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fil-Kunitat Konġunt ta' esperti stabbilit skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

I. KORČOK

---

(¹) Id-data tad-dħul fis-seħħħ tal-Ftehim tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1742

tal-20 ta' Settembru 2016

dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju ta'  
Tonga dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagraphu tal-Artikolu 218(6), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew (¹),

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nnegożjat ftehim, fisem l-Unjoni Ewropea mar-Renju ta' Tonga, dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ("il-Ftehim").
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2226 (²), il-Ftehim ġie ffírmat u japplika fuq bażi proviżorja mill-21 ta' Novembru 2015.
- (3) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt ta' esperti għall-ġestjoni tal-Ftehim. L-Unjoni għandha tkun irrappreżentata fil-Kumitat Konġunt mill-Kummissjoni, li għandha tkun assistita mir-rappreżentanti tal-Istati Membri.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li r-Renju Unit ma jieħux sehem fihom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE (³); għaldaqstant ir-Renju Unit muhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u muhuwiex marbut biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tieħux sehem fihom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE (⁴); għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju ta' Tonga dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti, fisem l-Unjoni, in-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim (⁵).

(¹) Kunsens mogħi fit-8 ta' Ġunju 2016 (għadu ma ġejx ippubblifikat fil-Ġurnal Uffiċċiali)

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2226 tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju ta' Tonga dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir (ĠU L 317, 3.12.2015, p. 1).

(³) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti fxi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

(⁴) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem fxi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

(⁵) Id-data tad-dħul fis-seħħi tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat ġenerali tal-Kunsill.

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, assistita mir-rappreżentanti tal-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt ta' esperti stabbilit skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

I. KORČOK

---

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1743****tal-20 ta' Settembru 2016**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kolombja dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagraphu tal-Artikolu 218(6), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew (¹),

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nnegożjat ftehim, f'isem l-Unjoni Ewropea, mar-Repubblika tal-Kolombja dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir (“il-Ftehim”).
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2399 (²), il-Ftehim ġie ffírmat u japplika fuq bażi proviżorja mit-3 ta' Diċembru 2015.
- (3) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt ta’ esperti għall-ġestjoni tal-Ftehim. L-Unjoni għandha tkun irrappreżentata fil-Kumitat Konġunt mill-Kummissjoni, li għandha tkun assistita mir-rappreżentanti tal-Istati Membri.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jieħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE (³); għaldaqstant ir-Renju Unit muuwiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni u mhijiex marbut biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen li fihom l-Irlanda ma tieħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE (⁴); għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni u mhijiex marbut biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kolombja dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti, f'isem l-Unjoni, in-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim (⁵).

(¹) Kunsens mogħi fit-8 ta' Ġunju 2016 (għadu ma ġejx ippubblifikat fil-Ġurnal Uffiċċiali).

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2399 tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kolombja dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir (ĠU L 333, 19.12.2015, p. 1).

(³) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti fxi dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

(⁴) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem fxi dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

(⁵) Id-data tad-dħul fis-seħħi tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, assistita mir-rappreżentanti tal-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt ta' esperti stabbilit skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

I. KORČOK

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1744****tal-20 ta' Settembru 2016**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Perù dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagraph tal-Artikolu 218(6), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nnegożjat ftehim, f'isem l-Unjoni Ewropea, mar-Repubblika tal-Perù dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ("il-Ftehim").
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/437 <sup>(2)</sup>, il-Ftehim ġie ffirmat u japplika fuq bażi proviżorja mill-15 ta' Marzu 2016.
- (3) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt ta' esperti għall-ġestjoni tal-Ftehim. L-Unjoni għandha tkun irrappreżentata fil-Kumitat Konġunt mill-Kummissjoni, li għandha tkun assistita mir-rappreżentanti tal-Istati Membri.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jieħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE <sup>(3)</sup>; għaldaqstant ir-Renju Unit mħuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mħuwiex marbut biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tieħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE <sup>(4)</sup>; għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Perù dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

<sup>(1)</sup> Kunsens mogħti fil-5 ta' Lulju 2016 (għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali)

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/437 tal-10 ta' Marzu 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Perù dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir (ĠU L 78, 24.3.2016, p. 2).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti fxi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem fxi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti, f'isem l-Unjoni, in-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim (¹).

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, assistita mir-rappreżentanti tal-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fil-Kunitat Konġunt ta' esperti stabbilit skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

I. KORČOK

---

(¹) Id-data tad-dħul fis-seħħħ tal-Ftehim tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/1745**

**tad-29 ta' Settembru 2016**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 (¹), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763, il-miżuri restrittivi għandhom jiġeddu sal-31 ta' Ottubru 2017.
- (3) Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 għandha tiġi emmdata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Ottubru 2017.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. ŽIGA

---

<sup>(¹)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1763 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi (ĠU L 257, 2.10.2015, p. 37).

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/1746****tad-29 ta' Settembru 2016****li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja.
- (2) Żewġ persuni ma għandhomx jinżammu iktar fuq il-lista ta' persuni fizże iż-ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK ("il-lista").
- (3) Jenħtieġ li titneħħa entrata duplikata mil-lista.
- (4) Jenħtieġ li tiġi aġġornata l-informazzjoni li tirrigwarda ġerti persuni fuq il-lista.
- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emmenda kif skont dan,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:****Artikolu 1**

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

**Artikolu 2**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikkazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kunsill**Il-President**P. ŻIGA*

---

(¹) ĠUL 147, 1.6.2013, p. 14.

## ANNESS

It-Taqsim A tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK hija emdata kif ġej:

(1) Jitneħħew l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin:

Nru 15 Hisham (حسام) Ikhtiyar (اختيار) (magħruf ukoll bħala Al Ikhtiyar, Bikhtiyar, Bikhtyar, Bekhtyar, Bikhtiar, Bekhtyar);

Nru 74 Anisa (أنيسة) (magħrufa wkoll bħala Anissa, Aneesa, Aneessa) Al-Assad (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Anisah Al-Assad).

(2) Titneħħha l-entrata li ġejja:

Nru 154 Maġġur Ġeneral Fahd (فهد) Jassem (جاسم) Al Freij (الفریج) (magħruf ukoll bħala Al-Furayj).

(3) L-entrati li jikkonċernaw il-persuni elenkti hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

	“Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Houmam Jaza'iri (magħruf ukoll bħala Humam al-Jazaeri, Hammam al-Jazairi)	Twieled: 1977	Ministru għall-Ekonomija u l-Kummer Barrani fil-poter wara Mejju 2011. Bħala Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbilità għar-repressjoni vjolenti tal-poplu Sirjan.	21.10.2014
2.	Maher (ماهر) (magħruf ukoll bħala Mahir) Al-Assad (الأسد)	Data tat-twelid: 8 ta' Diċembru 1967 Post tat-twelid: Damasku Passaport diplomatiku Nru 4138  Maġġur Ġeneral tat-42 Brigata u eks-Kmandant Brigadier tar-Raba' Diviżjoni Armata tal-Armata. Membru tal-familja Assad; hu l-President Bashar Al-Assad.	Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' "Kurnell" u fkariga ekwivalenti jew oħla wara Mejju 2011; Maġġur Ġeneral tat-42 Brigata u eks-Kmandant Brigadier tar-Raba' Diviżjoni Armata tal-Armata. Membru tal-familja Assad; kugħin tal-President Bashar Al-Assad.	9.5.2011
4.	Atej (عاطف) (magħruf ukoll bħala Atef, Atif) Najib (نجيب) (magħruf ukoll bħala Najeeb)	Post tat-twelid: Jablah, is-Sirja	Eks-Kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika f'Dara'a. Involut fi vjolenza kontra d-dimōstranti. Membru tal-familja Assad; kugħin tal-President Bashar Al-Assad	9.5.2011
5.	Hafiz (حافظ) Makhlof (مخلف) (magħruf ukoll bħala Hafez Makhlof)	Data tat-twelid: 2 ta' April 1971 Post tat-twelid: Damasku Passaport diplomatiku Nru 2246	Eks-Kurunell u Kap ta' Unità fid-Direttorat tal-Intelligence Ġeneral, il-Fergħa ta' Damasku, fil-kariga wara Mejju 2011. Membru tal-familja Makhlof; Kuġin tal-President Bashar Al-Assad.	9.5.2011
10.	Jamil (جميل) (magħruf ukoll bħala Jameel) Hassan (حسن) (magħruf ukoll bħala al-Hassan)	Twieled: 1953 Post tat-twelid: Homi, Sirja Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana	Uffiċċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-Forza tal-Ajru Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni cивili fis-Sirja.	9.5.2011

	"Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
13.	Ghassan Ahmed Ghannan (magħruf ukoll bħala Maġġur Ġeneral Ghassan Ghannan, Brigadier General Ghassan Ahmad Għanem)	Grad: Maġġur Ġeneral Kariga: Kmandant tal-155 Brigata tal-Missili	Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' "kurnell" u fkariga ekwivalenti jew oħla wara Mejju 2011. Maġġur Ġeneral u kmandant tal-155 Brigata tal-Missili. Assoċjat ma' Maher Al-Assad permezz tar-rwol tiegħi fl-155 Brigata tal-Missili. Bħala kmandant tal-155 Brigata tal-Missili, huwa qed ja-poġġa lir-reġim Sirjan u hu responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili. Huwa responsabbli għall-isparar ta' Missili Scud lejn diversi postiġiet ċivili bejn Jannar u Marzu 2013.	21.10.2014
45.	Munir (منير) (magħruf ukoll bħala Mounir, Mouneer, Monir, Moneer, Muneeर) Adanov (ادنوف) (magħruf ukoll bħala Adnuf, Adanof)	Twieled: 1951 Post tat-twielid: Homs, Sirja Passaport: 0000092405 Kariga: Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali, Operazzjonijiet u Taħriġ, Armata Sirjana Grad: Logutenent Ġeneral, Armata Għarbija Sirjana	Uffiċċjal fil-grad ta' Logutenent Ġeneral u Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali, Operazzjonijiet u Taħriġ għall-Armata Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Fil-kariga tiegħi bħala Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali kien involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.8.2011
56.	Ali (علي) Abdullah (عبد الله) (magħruf ukoll bħala Abdallah) Ayyub (أيوب) (magħruf ukoll bħala Ayyoub, Ayub, Ayoub, Ayob)	Kariga: Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Armata Għarbija Sirjana u l-Forzi Armati mit-18 ta' Lulju 2012 l'hawn Grad: Ġeneral fl-Armata Għarbija Sirjana	Uffiċċjal fil-grad ta' Ġeneral fl-Armata Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati Sirjani. Persuna li tappoġġa r-reġim ta' Assad u responsabbli għar-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	14.11.2011
57.	Fahd (فهد) (magħruf ukoll bħala Fahid, Fahed) Jasim (جاسم) (magħruf ukoll bħala Jasem, Jassim, Jassem) al-Furayj (الفريج) (magħruf ukoll bħala Al-Freij)	Data tat-twielid: 1 ta' Jannar 1950 Post tat-twielid: Hama, is-Sirja Grad: Logutenent Ġeneral Karigi: Ministru għad-Difiża, Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Armati Sirjani	Uffiċċjal fil-grad ta' Ġeneral fl-Armata Sirjana. Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Armati Sirjani. Ministeru għad-Difiża. Responsabbli għar-repressjoni u l-użu ta' vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	14.11.2011
62.	Zuhair (زهير) (magħruf ukoll bħala. Zouheir, Zuheir, Zouhair) Hamad (حمد)	Post tat-twielid: Damasku, is-Sirja Grad: Maġġur Ġeneral Kariga attwali: Viċi Kap tad-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali (magħruf ukoll bħala; Direttorat tas-Sigurtà Ġenerali) minn Luuji 2012	Uffiċċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-Forzi Armati Sirjani fil-kariga wara Mejju 2011. Viċi Kap tad-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali. Responsabbli għar-repressjoni, ksur tad-drittijiet tal-bniedem u vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	14.11.2011

	“Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
71.	Bushra (بشرى) Al-Assad (الأسد) (magħruf ukoll bħala Bushra Shawkat, Bouchra Al Assad)	Data tat-tweliż: 24.10.1960	Membru tal-familja Assad; oħt Bashar Al-Assad. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan Bashar Al-Assad, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu.	23.3.2012
72.	Asma (سماء) Al-Assad (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Asma Fawaz Al Akhras)	Data tat-tweliż: 11.8.1975 Post tat-tweliż: Londra, ir-Renju Unit Passaport nru 707512830, jiskadi fit-22.9.2020 Kunjom ta’ xebba: Al Akhras	Membru tal-familja Assad u marbuta mill-qrib ma’ figurie ewlenin tar-reġim; mart il-President Bashar Al-Assad. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan, Bashar Al-Assad, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu.	23.3.2012
107.	Mohammad (محمد) (Mohamed, Muhammad, Mohammed) Ibrahim (ابراهيم) Al-Sha'ar (الشاعر) (magħruf ukoll bħala Al-Chaar, Al-Shaar) (magħruf ukoll bħala Mohammad Ibrahim Al-Chaar)	Twieled: 1956 Post tat-tweliż: Aleppo	Ministru għall-Intern fil-poter wara Mejju 2011. Bħala Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-poplu Sirjan.	1.12.2011
181.	Suleiman Al Abbas		Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali fil-poter wara Mejju 2011. Bħala Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-poplu Sirjan.	24.6.2014
185.	Ismael Ismael (magħruf ukoll bħala Ismail Ismail, jew Isma'il Isma'il)	Twieled: 1955	Ministru tal-Gvern Sirjan fil-poter wara Mejju 2011; Ministru għall-Finanzi. Bħala Ministru tal-Gvern, jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni cивili.	24.6.2014
193.	Suhayl (magħruf ukoll bħala Soħail, Suhail, Suheil) Hassan (magħruf ukoll bħala Hasan, al-Hasan, al-Hassan) magħruf bħala “It-Tigra” (magħruf ukoll bħala al-Nimr)	Data tat-tweliż: 1970 Post tat-tweliż: Jableħ/Provinċja ta’ Latakia, is-Sirja Grad: Maġġur ġeneral Kariga: Kmandant ta’ Qawat al-Nimr (Tiger Forces)	Uffiċċjal fil-grad ta’ Maġġur ġeneral fl-Armata Sirjana wara Mejju 2011. Kmandant tad-diviżjoni tal-armata magħrufa bħala “Forzi tat-Tigra”. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.7.2014
199.	Bayan Bitar (magħruf ukoll bħala Dr Bayan Al-Bitar)	Data tat-tweliż: 8.3.1947 Indirizz: PO Box 11037 Damascus, Syria	Direttur Amministrattiv tal-Organisation for Technological Industries (OTI), u tas-Syrian Company for Information Technology (SCIT), li t-tnejn huma sussidjarji tal-Ministeru għad-Difiża Sirjan, li ġie ddeżejnjat mill-Kunsill. L-OTI tassisti fil-produzzjoni ta’ armi kimiċi għar-reġim Sirjan. Bħala Direttur Amministrattiv tal-OTI u tal-SCIT Bayan Bitar jagħti sostenn lir-reġim Sirjan. Minħabba r-rwol tiegħi fil-produzzjoni ta’ armi kimiċi, huwa jaqsam ukoll ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti kontra l-poplu Sirjan. Fid-dawl tal-kariga għolja tiegħi fil-produzzjoni ta’ armi kimiċi, huwa jaqsam ukoll ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti kontra l-poplu Sirjan. Fid-dawl tal-kariga għolja tiegħi fil-produzzjoni ta’ armi kimiċi, huwa wkoll assoċjat mal-en-titajiet iddeżejnjati OTI u SCIT	7.3.2015

	"Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
200.	Brigadier Ġenerali Ghassan Abbas	Data tat-twelid: 10.3.1960  Post tat-twelid: Homs  Indirizz: CERS, Centre d'Etude et de Recherche Scientifique (magħruf ukoll bħala SSRC, Scientific Studies and Research Centre; Centre de Recherche de Kaboun Barzeh Street, PO Box 4470, Damascus)	Maniġer tal-fergħa tas-Syrian Scientific Studies and Research Centre (SSRC/CERS), li huwa ddeżejnjat, fl-inħawi ta' Jumraya/Jmraiya. Huwa kien involut fil-proliferazzjoni tal-armi kimiċi u fl-organizzazzjoni ta' attakki bl-armi kimiċi, inkluż f'Għouta f'Awwissu 2013. Għalhekk, huwa jaqsam ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti kontra l-poplu Sirjan. Bħala maniġer tal-fergħa tal-SSRC/CERS fl-inħawi ta' Jumraya/Jmraiya, Ghassan Abbas jagħti sostenn lir-reġim Sirjan. Bħala riżultat tal-kariga għolja tiegħu fl-SSRC, huwa wkoll assoċjat mal-entità ddeżejnata l-SSRC.	7.3.2015
201.	Wael Abdulkarim (magħruf ukoll bħala Wael Al Karim)	Data tat-twelid: 30.9.1973  Post tat-twelid: Damascus, is-Sirja (ta' oriġini Palestinjana)  Indirizz: Al Karim for Trade and Industry, PO Box 111, 5797 Damascus, Syria	Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja fl-industriji taż-żejt, is-sustanzi kimiċi u l-manifattura. Specifikaament, jirrappreżenta lill-Abdulkarim Group, magħruf ukoll bħala Al Karim Group/Alkarim for Trade and Industry/Al Karim Trading and Industry/ Al Karim for Trade and Industry. Abdulkarim Group huwa manifattur ewlieni ta' lubrikanti, grease u sustanzi kimiċi industrijali fis-Sirja.	7.3.2015
202.	Ahmad Barqawi (magħruf ukoll bħala Ahmed Barqawi)	Data tat-twelid: 1985  Post tat-twelid: Damascus, is-Sirja  Indirizz: Pangates International Corp Ltd, PO Box Sharjah Airport International Free Zone, United Arab Emirates Al Karim for Trade and Industry, PO Box 111, 5797 Damascus, Syria	Maniġer Ġenerali ta' Pangates International Corp Ltd, li taġixxi bħala intermedjarju fil-forniment taż-żejt lir-reġim Sirjan, u maniġer tal-Al Karim Group. Kemm Pangates International kif ukoll Al Karim Group ġew iddeżejnjati mill-Kunsill. Bħala Maniġer Ġenerali ta' Pangates u maniġer tal-kumpannija prinċipali ta' Pangates, l-Al Karim Group, Ahmad Barqawi jagħti sostenn lir-reġim Sirjan, u jibbenefika minnu. Minħabba l-kariga għolja tiegħu f'Pangates u l-Al Karim Group, huwa wkoll assoċjat mal-entitajiet iddeżejnji Pangates International u Al Karim Group.	7.3.2015
204.	Emad (عاصم) Hamsho (magħruf ukoll bħala Imad Hmisho; Hamchu; Hamcho; Hamisho; Hmeisho; Hemasho)	Indirizz: Hamsho Building 31 Baghdad Street Damascus, Syria	Jokkupa kariga maniġerjali għolja f'Hamsho Trading. Bħala riżultat tal-kariga għolja tiegħu f'Hamsho Trading, sussidjarja ta' Hamsho International, li ġiet iddeżejnjiata mill-Kunsill, huwa jagħti sostenn lir-reġim Sirjan. Huwa wkoll assoċjat ma' entità ddeżejnata, Hamsho International. Huwa wkoll Viċi President tal-Kunsill Sirjan tal-Hadid u l-Azzar flimkien ma' negozjanti tar-reġim ddeżejnji bħal Ayman Jaber. Huwa wkoll soċju ta' Bashar Al-Assad.	7.3.2015

	“Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
206.	General Muhamad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad) Mahalla (محل) (magħruf ukoll bħala Mahla, Mualla, Maalla, Muhalla)	Twieled: 1960 Post tat-twelid: Jableh	Kap tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI), Fergħa 293 (Affarijiet Interni), minn April 2015 'l hawn. Responsabbi għar-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili f'Damasku/fil-kampanja ta' Damasku. Eks-Viċi Kap tas-Sigurtà Politika (2012), Ufficijal tal-Gwardja Repubblikana Sirjana u Viċi-Direttur tad-Direttorat għas-Sigurtà Politika. Kap tal-Pulizija Militari, Membru tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali.	29.5.2015"

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/1747****tad-29 ta' Settembru 2016****li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/932/PESK rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/932/PESK tat-18 ta' Diċembru 2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/932/PESK.
- (2) Fis-26 ta' Awwissu 2016, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, stabbilit skont il-paragrafu 19 tar-Riżoluzzjoni 2140 (2014) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, aġġorna l-informazzjoni marbuta ma' żewġ persuni soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/932/PESK għandu għalhekk jiġi emmenda kif meħtieġ,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:****Artikolu 1**

L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/932/PESK huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

**Artikolu 2**Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-publikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kunsill**Il-President**P. ŻIGA*

## ANNESS

Fil-lista ta' persuni u entitajiet, li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/932/PESK, l-entrati Nru 2 u Nru 4 taħt it-taqsimha "Persuni" huma sostitwiti bis-segwenti:

- "2. **Abd Al-Khalīq Al-Houthī** (*magħruf ukoll bħala: a) Abd-al-Khalīq al-Houthī; b) Abd-al-Khalīq Badr-al-Dīn al-Houthī; c) 'Abd al-Khalīq Badr al-Dīn al-Houthī; d) Abd al-Khalīq al-Houthī; e) Abu-Yunus*).

Kitba oriġinali: عبدالخالق الحوثي

**Deżinjazzjoni:** Kmandant militari Houthi. **Data tat-tweliż:** 1984. **Ċittadinanza:** Jemen. **Informazzjoni oħra:** Sess: Raġel. Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 7.11.2014 (emendata fl-20.11.2014, fis-26.8.2016).

**Informazzjoni addizzjonali mit-taqṣira narrattiva tar-raqunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abd al-Khalīq al-Houthī ġie deżinjat għal sanzjonijiet fis-7 ta' Novembru 2014 skont il-paragrafi 11 u 15 tal-UNSCR 2140 (2014), bħala li jissodisfa l-kriterji tad-deżinjazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 17 u 18 tar-Riżoluzzjoni.

Abd al-Khalīq al-Houthī kien involut fatti li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Jemen, bħal atti li jxekklu l-implementazzjoni tal-ftehim tat-23 ta' Novembru 2011 bejn il-Gvern tal-Jemen u dawk fl-oppożizzjoni, li jipprevedi transizzjoni paċifika tal-poter fil-Jemen, u atti li jxekklu l-proċess politiku fil-Jemen.

Lejn l-aħħar ta' Ottubru 2013, Abd Al-Khalīq al-Houthī mexxa grupp ta' ġellieda mlibbsin uniformijiet militari tal-Jemen f'tattak fuq postijiet f'Dimaj, il-Jemen. Il-ġlied sussegwenti rriżulta f'diversi mwiet.

Lejn l-aħħar ta' Settembru 2014, numru mhux magħruf ta' ġellieda mhux identifikati allegatament kienu lesti biex jattakkaw faċilitajiet diplomatiċi f'Sana'a, il-Jemen, malli jirċievu ordnijiet minn Abd Al-Khalīq al-Houthī. Fit-30 ta' Awwissu 2014, al-Houthī kkoordina biex iċaqlqu l-armi minn Amran għal kamp ta' protesta f'Sana'a".

- "4. **Abdulmalik al-Houthī** (*magħruf ukoll bħala: Abdulmalik al-Houthī*)

**Informazzjoni oħra:** Mexxej tal-Moviment Houthi tal-Jemen. Involva ruħu fatti li jheddu l-paċi, is-sigurtà, jew l-istabbiltà tal-Jemen. **Data tad-deżinjazzjoni min-NU:** 14.4.2015 (emendata fis-26.8.2016).

**Informazzjoni addizzjonali mit-taqṣira narrattiva tar-raqunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdulmalik Al-Houthī ġie deżinjat għal sanzjonijiet fl-14 ta' April 2015 skont il-paragrafi 11 u 15 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014) u l-paragrafu 14 tar-riżoluzzjoni 2216 (2015).

Abdul Malik al-Houthī huwa mexxej ta' grupp li kien involut fatti li jheddu l-paċi, is-sigurtà, jew l-istabbiltà tal-Jemen.

F'Settembru 2014, il-forzi Houthi ħatfu Sana'a u f-Jannar 2015 ippruvaw b'mod unilaterali jibdlu l-gvern leġittimu tal-Jemen b'awtorità governattiva illeġittima li l-Houthis iddominaw. Al-Houthi ħa t-tmexxija tal-moviment Houthi tal-Jemen fl-2004 wara l-mewt ta' hu, Hussein Badreddin al-Houthi. Bħala l-mexxej tal-grupp, al-Houthi hedded kemm-il darba lill-awtoritajiet tal-Jemen b'aktar rewwixti jekk ma jwigħbux it-talbiet tiegħi u żamm arrestat lill-President Hadi, il-Prim Ministro, u membri ewlenin tal-kabinett. Hadi eventwalment ħarab lejn Aden. Il-Houthis imbagħad nedew attakk ieħor fuq Aden bl-ghajjnuna tal-unitajiet militari leali lejn l-ex president Saleh u ibnu, Ahmed Ali Saleh".

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/1748

tad-29 ta' Settembru 2016

**li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, grupperi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/486/PESK tal-1 ta' Awwissu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, grupperi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 u l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Awwissu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK.
- (2) Fis-7 ta' Settembru 2016 il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, stabbilit skont il-paragrafu 30 tar-Riżoluzzjoni 1988 (2011) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, emenda l-lista ta' individwi, grupperi, impriżi u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/486/PESK għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/486/PESK huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. ŻIGA

---

(¹) ĠUL 199, 2.8.2011, p. 57.

## ANNESS

- I. L-entrati fil-lista li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/486/PESK għall-persuni hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati kif jinsabu hawn taħt.

**"A. Individwi assoċjati mat-Taliban**

- (13) **Mohammad Shafiqullah Ahmadi Fatih Khan** (*magħruf ukoll bħala* **(a)** Mohammad Shafiq Ahmadi, **(b)** Mullah Shafiqullah).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Samangan taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-tweliż:** 1956-1957. **Post tat-tweliż:** **(a)** Raħal ta' Charmistan, Distrett ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan, **(b)** Raħal ta' Marghi, Distrett ta' Nawa, Provinċja ta' Ghazni, Afganistan. **Nazzjonaliità:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Oriġinarjament mill-Provinċja ta' Ghazni, iżda aktar tard għex f'Uruzgan, **(b)** Shadow governor tat-Taliban għall-Provinċja ta' Paktika minn tmiem l-2012. **(c)** Iservi bħala membru tal-Kummissjoni Militari minn Lulju 2016., **(d)** Jappartjeni lit-tribù Hotak. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (35) Shahabuddin Delawar

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-elenkar:** Viċi tal-Qorti Superjuri taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-tweliż:** **(a)** 1957, **(b)** 1953. **Post tat-tweliż:** Il-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Nazzjonaliità:** Afgana. **Numru tal-passaport:** Numru tal-passaport Afgan OA296623. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Viċi Kap tal-Ambaxxata tat-Taliban f'Riyadh, l-Arabja Sawdija sal-25 ta' Settembru 1998. **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (44) **Din Mohammad Hanif** (*magħruf ukoll bħala* **(a)** Qari Din Mohammad **(b)** Iadena Mohammad)

**Titlu:** Qari. **Raġuni għall-elenkar:** **(a)** Ministru tal-Ippjanar taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Ministru tal-Edukazzjoni Għolja taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-tweliż:** **(a)** bejn wieħed u ieħor fl-1955, **(b)** 01.01.1969 (bħala Iadena Mohammad). **Post tat-tweliż:** **(a)** Raħal ta' Shakarlab, Distrett ta' Yaftali Pain, Provinċja ta' Badakhshan, l-Afganistan, **(b)** Badakhshan (bħala Iadena Mohammad) **Nazzjonaliità:** Afgana. **Numru tal-passaport:** OA 454044 (bħala Iadena Mohammad). **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban responsabbi għall-provinċji ta' Takhar u Badakhshan. **(b)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (53) **Sayyed Mohammed Haqqani** (*magħruf ukoll bħala* Sayyed Mohammad Haqqani).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-elenkar:** **(a)** Direttur tal-Affarijet Amministrattivi taħt ir-reġim tat-Taliban, **(b)** Kap tal-Informationi u l-Kultura fil-Provinċja ta' Kandahar taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-tweliż:** bejn wieħed u ieħor fl-1965. **Post tat-tweliż:** Raħal ta' Chaharbagħ, Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Nazzjonaliità:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Gradwat tal-Madrassa ta' Haqqanija f'Akora Khattak, il-Pakistan, **(b)** Maħsub li kellu relazzjonijiet mill-qrib mal-mexxej tat-Taliban Mullah Mohammad Omar, **(c)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, **(d)** Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban sa ġunju 2010, **(e)** Jappartjeni lit-tribù Barakzay. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Maħsub li ilu mejjet minn Jannar 2016. **Data tan-nomina tan-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonal mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kunitat tas-Sanzjonijiet:**

Sayyed Mohammed Haqqani huwa alleat ma' Gulbbudin Hekmatyar u ilu bosta snin jappoġġa lil Mullah Mohammad Omar. Bħala Direttur tal-Affarijet Amministrattivi tar-reġim tat-Taliban, huwa ddistribwixxa karti tal-identità Afgani lil barranin marbuta ma' Al-Qaida li ġgiedu fl-Afganistan u ġabar ammont sinifikanti ta' fondi minn għandhom.

Sayyed Mohammed Haqqani ltaqa' diversi drabi ma' Aimān Muhammed Rabi al-Zawahiri u Farhad, is-segretarju ta' Mohammed Omar, fl-2003 u l-2004. Huwa fet-ħanut tal-kotba fil-bażżez ta' Qissa Khwani, f'Peshawar, il-Pakistan, li kien implikat fil-finanzjament tat-Taliban. Sa Marzu 2009, hu kien għadu mexxej attiv tar-ribelli Talibani.

- (64) **Khairullah Khairkhwah** (*magħruf ukoll bħala* (a) Mullah Khairullah **Khairkhwah** (b) Khirullah Said Wali **Khairkhwa**).

**Titlu:** (a) Maulavi (b) Mullah. **Raġuni għall-elenkar:** (a) Gvernatur tal-Provinċja ta' Herat (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban, (b) Kelliem tar-reġim Taliban, (c) Gvernatur tal-Provinċja ta' Kabul taħt ir-reġim Taliban, (d) Ministru tal-Affarijiet Interni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-tweliż:** (a) bejn wieħed u ieħor fl-1963 (b) 1 ta' Jannar 1967 (taħt l-isem Khirullah Said Wali Khairkhwa). **Post tat-tweliż:** (a) Raħal ta' Poti, Distrett ta' Argħišt, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan, (b) Kandahar, **Nazzjonalità:** Afgana. Indirizz: Qatar. **Informazzjoni oħra:** (a) Jappartjeni lit-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (66) Jan Mohammad Madani Ikram.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-elenkar:** Chargé d'Affaires, Ambaxxata Talibana, Abu Dhabi, l-Emirati Għarab Magħquda. Data tat-tweliż: 1954- 1955. **Post tat-tweliż:** Raħal ta' Siyachoy, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. (b) Jappartjeni lit-tribù Alizai. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (72) **Fazl Mohammad Mazloom** (*magħruf ukoll bħala* (a) Molah Fazl, (b) Fazel Mohammad Mazloom).

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-elenkar:** Viċi Kap tal-Persunal tal-Armata tar-reġim Taliban. **Data tat-tweliż:** Bejn l-1963 u l-1968. **Post tat-tweliż:** Uruzgan, Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. Indirizz: Qatar. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Fazl Mohammed Mazloom kien assoċjat qrib ta' Mohammed Omar u għenu jistabbilixxi l-Gvern tat-Taliban. Mazloom kien fil-kamp ta' tħarriġ ta' Al-Farouq stabilit minn Al-Qaida. Huwa kellu għarfien li t-Taliban ippovoda għajnuna lill-Moviment Iżlamiku tal-Uzbekistan fil-forma ta' appoġġ finanzjarju, armi u appoġġ loġistiku bi-skambju għall-forniment ta' suldati lit-Taliban.

Huwa kien kmandant ta' madwar 3 000 suldat Taliban front-line fil-provinċja ta' Takhar, f'Ottubru 2001.

- (82) **Allah Dad Tayeb Wali Muhammad** (*magħruf ukoll bħala* (a) Allah Dad Tayyab, (b) Allah Dad Tabeeb).

**Titlu:** (a) Mullah, (b) Haji. **Raġuni għall-elenkar:** Viċi Ministru taħt Komunikazzjoni tar-reġim tat-Taliban. **Data tat-tweliż:** bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-tweliż:** (a) Distrett ta' Ghorak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Nesh, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni lit-tribù Popalzai. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Ilu mejjet minn Novembru 2015. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (88) **Nurullah Nuri** (*magħruf ukoll bħala* Norullah Noori).

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-elenkar:** (a) Gvernatur tal-Provinċja ta' Balkh (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban, (b) Kap taż-Żona tat-Tramuntana taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-tweliż:** (a) bejn wieħed u ieħor fl-1958, (b) 1 ta' Jannar 1967. **Post tat-tweliż:** Distrett ta' Shahjoe, Provinċja ta' Zabul, Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. Indirizz: Qatar. **Informazzjoni oħra:** (a) Jappartjeni lit-tribù Tokhi. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (90) Mohammed Omar Ghulam Nabi

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-elenkar:** Mexxej tal-Fidili ("Amir ul- Mumineen"), Afganistan. **Data tat-tweliż:** (a) bejn wieħed u ieħor fl-1966, (b) 1960, (c) 1953. **Post tat-tweliż:** (a) Ir-raħal ta' Naw Deh, Distrett ta' Deh Rawud, Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan, (b) Raħal ta' Noori, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Missieru jismu Ghulam Nabi, magħruf ukoll bħala Mullah Musafir, (b) L-għajnej tax-xellug nieqsa, (c) Hatnej Ahmad Jan Akhundzada Shukoor Akhundzada, (d) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, (e) Jappartjeni li Maħsub li ilu mejjet minn April 2013. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raqunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovdata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mohammad Omar għandu t-titlu ta' "Kmandant tal-Fidili tal-Emirat Islamiku tal-Afganistan" u huwa l-mexxej suprem tal-moviment Taliban fil-ġerarkija Talibana. Huwa ta kenn lil Usama bin Laden u lin-netwerk tal-Al-Qaida tiegħi fis-snin qabel l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001 fl-Istati Uniti. Huwa kien ilu jidderieġi lit-Taliban kontra l-Gvern tal-Afganistan u l-alleati tagħhom fl-Afganistan mill-2001.

Mohammed Omar jikkrema l-alleanza ta' mexxeja prominenti militari oħra fir-reġjun, bħal Jalaluddin Haqqani. Gulbuddin Hekmatyar ikkoopera wkoll ma' Mohammed Omar u t-Taliban.

- (97) **Mohammad Hasan Rahmani** (*magħruf ukoll bħala Gud Mullah Mohammad Hassan*).

**Titlu:** Mullah. **Raquni għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Kandahar (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-tweliż:** bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-tweliż:** (a) Distrett ta' Deh Rawud, Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan (b) Distrett ta' Chora, Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan, (c) Distrett ta' Charchino, Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Għandu riġlu l-leminja prostetika, (b) Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban min-nofs l-2013, u aġixxa bħala viċi ta' Mullah Mohammed Omar f'Marzu 2010, (c) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan (d) Jappartjeni lit-tribu ta' Aħekzai. Ilu mejjet mid-9 ta' Frar 2016. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

- (113) Sher Mohammad Abbas Stanekzai Padshah Khan.

**Titlu:** Maulavi. **Raquni għall-elenkar:** (a) Viċi Ministro tas-Saħħa Pubblika taħt ir-reġim Taliban, (b) Viċi Ministro tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-tweliż:** bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-tweliż:** Qala-e-Abbas, iż-żona Shah Mazar, Distrett ta' Baraki Barak, Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjal ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (119) **Abdul-Ħaq Wasiq** (*magħruf ukoll bħala: (a) Abdul-Ħaq Wasseq, (b) Abdul Ħaq Wasiq*).

**Titlu:** Maulavi. **Raquni għall-elenkar:** Viċi Ministro tas-Sigurtà (Intelligence) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-tweliż:** (a) bejn wieħed u ieħor fl-1975, (b) 1971. **Post tat-tweliż:** Raħal ta' Għarib, Distrett ta' Khogyani, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. **Indirizz:** Qatar. **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raqunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovdata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul-Ħaq Wasiq huwa alleat ma' Gulbuddin Hekmatyar. Taħt ir-reġim Taliban, kellu pożizzjonijiet suċċessivi bħala kmandant lokali fil-provinċji ta' Nimroz u Kandahar. Huwa mbagħad sar Viċi Direttur Ġenerali tal-Intelligence, u kien jaħdem għal Qari Ahmadullah. F'din il-funzjoni, huwa kien responsabbli milli jieħu ħsieb ir-relazzjonijiet ma' għellieda barranin marbuta mal-Al-Qaida u l-kampijiet ta' taħriġ tagħhom fl-Afganistan. Kien ukoll magħruf għall-metodi repressivi tiegħi kontra l-opponenti tat-Taliban fin-Nofsinhar tal-Afganistan.

- (123) **Mohammad Zahid.** (*magħruf ukoll bħala (a) Jan Agha Ahmadzai (b) Zahid Ahmadzai*)

**Titlu:** Mullah. **Raquni għall-elenkar:** It-Tielet Segretarju, Ambaxxata Talibana, Islamabad, il-Pakistan. **Data tat-tweliż:** 1971. **Post tat-tweliż:** Il-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Nazzjonalità:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 001206 (maħruġ fis-17.7.2000). **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjal ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

- (139) Rahmatullah Shah Nawaz

**Isem (bil-kitba oriġinali):** رحمة الله شاه نواز

**Titlu:** Alhaj **Deżinjazzjoni:** m/d **DTT:** (a) 1981 **(b)** 1982 **PTT:** Shadal (varjant Shadaal) Bazaar, Achin District, Nangarhar Province, l-Afganistan **Psewdonimu affidabbi:** (a) Qari Rahmat (qabel kien elenkat hekk) **(b)** Kari Rahmat **Psewdonimu inqas affidabbi:** m/d **Nazzjonaliità:** Afgana **Nru. tal-passaport:** m/d **Nru. tal-identifikazzjoni nazzjonali:** m/d **Indirizz:** (a) Kamkai Village, Achin District, Nangarhar Province, l-Afganistan **(b)** Kamkai Village, Achin District, Nangarhar Province, l-Afganistan **(c)** Surkhel village, Achin District, Nangarhar Province, l-Afganistan **(d)** Batan village, Achin District, Nangarhar Province, l-Afganistan **Elenkat fi:** 21 ta' Awwissu 2014 (emendat fil-21 ta' Lulju 2016) **Informazzjoni oħra:** Deskrizzjoni fiżika: kulur tal-għajnejn: kannella, kulur tax-xagħar: iswed, piż: 77-81 kg, tul: 178 cm daqna sewda qasira-medja, xagħar iswed qasir. Jappartjeni għat-tribu Shinwari, is-sottotribu Sepahi. Kmandant tat-Taliban tal-inqas minn Frar 2010. Jigħbor taxxi u jxaħħam fisem it-Taliban minn April 2015. Jikkoordina ma' u jipprovi lill-aġenti tat-Taliban fil-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, informazzjoni, gwida, akkomodazzjoni u armi u qiegħed apparat esplożiv improvviżat (IED) u mexxa attakki kontra l-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà (ISAF) u l-forzi Afgani. **Data tan-nomina min-NU:** 21.8.2014."







ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgo  
IL-LUSSEMBURGU

MT